Quddiesa fl-okkażjoni tal-festa ta' San Injazju

Il-Ħamis, 29 ta' Ottubru, 2015

Klassi: 6.1 Djamanti

Nhar il-Ħamis, 29 ta' Ottubru, it-tlett klassijiet tas-sitt sena fi ħdan l-iskola Primarja San Sebastjan f'Ħal-Qormi, kienu mistiedna għall-quddiesa fl-okkażjoni tal-festa ta' San Injazju. Din il- quddiesa saret fl-iskola Sekondarja l-ġdida ġewwa l-Ħandaq. It-tfal tal-iskola tagħna ngħaqdu mal-bqija tat-tfal tas-sitt sena li jattendu l-iskejjel fi ħdan il-kulleġġ San Injazju. Barra minn hekk, kien hemm ukoll it-tfal li mis-sitt sena telgħu għall-ewwel sena tagħhom tas-Sekondarja, u li jattendu f'din l-iskola wkoll.

Kienet quddiesa kkonċelebrata mill-isbaħ min- numru ta' saċerdoti ġejjin minn diversi parroċċi differenti. It-tfal ħadu gost f'din il-quddiesa għaliex kienet animata b'mod interattiv u sabiħ. Numru ta' tfal mill-iskola tagħna kellhom l-opportunita' li jieħdu sehem bi sħiħ f'din il-quddiesa billi jaqraw xi talbiet, itellgħu l-offerti, u saħansitra kien hemm min qagħad abbatai billi għen lil dawn is-saċerdoti fit-tmexxija ta' din it-talba. Fl-aħħar ta' din l-attivita', it-tfal ġew mogħtija tifkira żgħira mill- Kap tal-iskola Sekondarja u mill-Prinċipal, sabiex jibqgħu jiftakru din il-ġurnata.





